**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2019**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 889/2016**

**Labomed Limited**

**vs**

**Is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika qua l-Awtorita dwar il-Licenzji u b'digriet tal-21 ta' Frar 2017 intervenew fil-kawza Catherine Mifsud u Brown's Pharma Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-5 ta' Ottubru, 2016 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti tiggestixxi negozju konsistenti inter alia fit-tmexxija ta' spizeriji lokali;

2. Illi ai termini tal-Artikolu 5(3) tal-Pharmacy License Regulations (SL. 458.16):
"Any licensee may transfer an existing licence to another person by means of an application to the Licensing Authority";

3. Illi sabiex isir dan timtela applikazzjoni appozita, maghrufha bhala "Application for a Variation to a Pharmacy Licence" li tigi ffirmata mid-detentur tal-licenzja u mill-persuna li tkun sejra takkwista l-licenzja u tigi sottomessa lill-Awtorita tal-Licenzji ghall-accettazzjoni taghha;

4. Illi l-kumpanija rikorrenti ilha mill-bidu ta' din is-sena (ossia s-sena 2016) tinnegozja ma' certu Catherine Mifsud (ID. 839153M), detentur ta' licenzja moghtija mill-Awtorita tal-Licenzji sabiex tmexxi u topera l-ispizerija maghrufha bhala St. Louis Pharmacy gewwa l-Mosta, sabiex tixtri l-istess licenzja;

5. Illi wara sensiela ta' laqghat u negozjati intensivi, fl-20 ta' Lulju 2016 l-istess Catherine Mifsud obbligat ruha li titrasferixxi l-licenzja msemmija u cioe "Dispensary Licence DL027" lill-kumpanija rikorrenti permezz ta' ftehim privat li jgorr l-istess data (liema ftehim gie msemmi "Acquisition of Dispensary License DL027" - ara "Dok. B"). Fl-istess ftehim qablu ukoll fuq il-prezz tat-trasferiment u cioe s-somma ta' erbat mitt elf euro (€400,000). Ghalkemm b'dicitura mhux tant felici u mhux kjarament espressa bil-miktub il-kumpanija rikorrenti u Catherine Mifsud ftehmu ukoll fuq l-istess skrittura illi (i) l-istess Catherine Mifsud qed tintrabat li titrasferixxi l-licenzja relattiva versu l-prezz imsemmi, (ii) il-kundizzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-bejgh tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija “St. Louis Pharmacy" (Mosta) - liema bejgh huwa ghal kollox distint mit-transferiment tal-licenzja - jigu miftehma bejniethom permezz ta' sett ta' konvenji li kellhom jigu ffirmati quddiem in-Nutar Anton Borg l-gimgha ta' wara, (iii) wara li inter alia jiftehmu fuq l-istokk ta' "dangerous drugs" huma kellhom jimlew u jiffirmaw l-applikazzjoni maghrufha bhala "Application for a Variation to a Pharmacy Licence" dakinhar stess li kellhom jidhru quddiem in-Nutar sabiex din sussegwentement tigi sottomessa lill-intimat qua l-Awtorita dwar il-Licenzji (ghall-Ispizeriji) ghall-accettazzjoni tieghu, u (iv) il-hlas tas-somma ta' erba' mitt elf euro (€400,000) bhala prezz tat-trasferiment tal-licenzja u d-depozitu ta' tletin elf euro (€30,000) akkont tal-prezz tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija msemmija jigi effettwat dak inhar li kellhom jiltaqghu quddiem in-Nutar;

6. Illi dakinhar stess filghaxija (cioe fl-20 ta' Lulju 2016) l-istess Catherine Mifsud gharrfet lill-kumpanija rikorrenti permezz ta' text message (mibghut permezz ta' telefon cellulari) bil-kliem "sorry deal off changed my mind” li kienet biddlet hsiebha user terga lura mill-ftehim (ara "Dok. C"). Filfatt hija sussegwentement naqset li tidher quddiem in-Nutar Anton Borg fis-26 ta' Lulju 2016 sabiex inter alia tiffirma flimkien mal-kumpanija rikorrenti l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence";

7. Illi r-raguni 'l ghala Catherine Mifsud ma onoratx il-ftehim taghha mal-kumpanija rikorrenti kienet ghaliex b'mod illegali u abbuziv l-ghada stess (cioe fil-21 ta' Lulju 2016) dahlet f'konvenju ma' kumpanija ohra (ara "Dok. D") ghall-eventali bejgh tal-licenzja lilha ghall-prezz aktar vantaggjuz ta' hames mitt elf euro (€500,000) liema konvenju gie maghmul validu ghal tlett (3) xhur u gie ukoll suggett ghall-kundizzjoni li l-Medicines Authority (sic! din kellha taqra' l-Licensing Authority) tapprova l-istess trasferiment;

8. Illi fit-2 ta' Awwissu 2016 giet sottomessa lill-intimat l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence" (ara "Dok. E") datata 26 ta' Lulju 2016, liema applikazzjoni giet iffirmata abbuzivament u illegalment minn Catherine Mifsud bhala present licence holder lil Brown's Pharma Limited bhala proposed licence holder, meta Catherine Mifsud kienet ben konsapevoli tal-fatti illi hija kienet diga obbligat ruhha li timla l-istess applikazzjoni proprju biex l-intimat japprova t-trasferiment tal-licenzja lir-rikorrenti;

9. Illi ghal kull buon fini jigi ddikjarat illi l-kumpanija rikorrenti ma ghadhiex interessata illi tersaq ghall-iffirmar tal-konvenji fir-rigward tal-bejgh tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija "St. Louis Pharmacy" (Mosta) galadarba Catherine Mifsud naqset milli tidher quddiem in-Nutar fiz-zmien miftiehem. Madanakollu hija trid illi l-istess Mifsud tonora l-bejgh tal-licenzja u titrasferixxi l-licenzja relattiva lir-rikorrenti;

10. Illi kien ghalhekk illi kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, ir-rikorrenti ipprezentat rikors mahluf iehor din id-darba kontra Catherine Mifsud sabiex titlob li din l-Onorabbli Qorti inter alia joghgobha tikkundanna lill-istess Mifsud sabiex tersaq ghall-iffirmar tal-applikazzjoni in kwistjoni u tittrasferixxi d-"Dispensary Licence DL027' lir-rikorrenti versu l-hlas tal-prezz miftiehem;

11. Illi ghal xi raguni, l-Awtorita tal-Licenzji infurmat lir-rikorrenti illi hija kienet behsiebha tipprocessa u taccetta l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence" ipprezentata lilha ghat-trasferiment tal-licenzja in kwistjoni lil Brown's Pharma Limited;

12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellha bilfors titlob l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-Awtorita tal-Licenzji sabiex twaqqafha milli taghmel hekk u dan inter alia ghaliex altrimenti in-natura tal-pregudizzju li kienet ser iggarrab ir-rikorrenti fl-esekuzzjoni tal-jedd taghha naxxenti mill-ftehim datat 20 ta' Lulju 2016 kien jkun tali li kwazi kwazi jgib dak il-jedd fix-xejn;

13. Illi matul is-smigh tal-mandat, l-Awtorita tal-Licenzji ikkonfermat viva voce illi hija kienet behsieba tipprocessa l-applikazzjoni diment li ma titwaqqafx minn din l-Onorabbli Qorti u kien ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni permezz tad-digriet taghha tal-15 ta' Settembru 2016 (Rikors Numru 1217/2016 SM – Dok. F anness);

14. Illi din il-kawza qeghda ssir proprju ghaliex hekk hu mehtieg skond l-Artikolu 843(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant premess is-suespost, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, prevja li taghti d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara li l-intimat bhala l-Awtorita tal-Licenzji ghandu obbligu li ma jipproccesax, ma jaccettax u ma jirregistrax l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence" ipprezentata lill-Awtorita tal-Licenzji ghat-trasferiment tad-"Dispensary Licence DL027' lil Brown's Pharma Limited galadarba d-detentur tal-licenzja prezenti kienet u ghadha marbuta permezz ta' konvenju iehor li titrasferixxi l-licenzja in kwistjoni lill-kumpanija rikorrenti;

2. Tordna u tikkundanna lill-intimat bhala l-Awtorita tal-Licenzji sabiex ma jipproccesax, ma jaccettax u ma jirregistrax l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence" ipprezentata lill-Awtorita tal-Licenzji ghat-trasferiment tad-"Dispensary Licence DL027" lil Brown's Pharma Limited;

3. Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni mahrug fl-istess ismijiet fil-15 ta' Settembru 2016 b'mod permanenti.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-istess intimat in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Suprintendent tas-Sahha Pubblika qua l-Awtorita dwar il-Licenzji li tghid hekk:

1. Illi s-Supretendent tas-Sahha Pubblika Qua l-Awtorita dwar il-Licenzji huwa obbligat illi jilqa' u jaccetta applikazzjonijiet li ghandhom jigu processati skond il-merti prezentati lilhom u dana skond l-Artikolu 5(3) tal-Pharmacy License Reglations (SL 458.16).

2. Illi s-Supretendent tas-Sahha Pubblika Qua l-Awtorita dwar il-Licenzji hija kompletament estranea ghall-vertenza bejn s-socjeta attrici u l-applikanta, cioe Catherine Mifsud.

3. Illi hekk kif jidher mir-rikors promotur, il-vertenza proprja qeghda bejn is-socjeta attrici u Catherine Mifsud u fil-fatt l-ezistenza o meno tal-konvenju bejn is-socjeta rikorrenti u Catherine Mifsud huma soggetti ghal proceduri ohra u cioe l-kawza fl-ismijiet Labomed Limited (C27866) vs Mifsud Catherine (888/2016SM) ghal-liema l-intimat mhux parti u ghalhekk ma hemm l-ebda res judicata indikata dwar l-ezistenza o meno tal-istess konvenju.

4. Illi l-unika raguni li s-socjeta attrici qed tipprocedi kontra l-esponent huwa sabiex treggi u zzomm in vigore l-mandat ta' inbizzjoni bir-rikors numru 1217/2016 u mhux ghax verament ghandha azzjoni valida fil-konfront tal-istess esponenti, specjalment fid-dawl tal-fatt illi d-dmir tal-esponenti huwa li jipprocessa l-applikazzjoni, liema azzjoni tieghu bhalissa tinsab soggetta ghall-ezitu tal-azzjoni hawn fuq citata.

5. Illi ma hemmx lok illi jigi ordnat li l-Awtorita tal-Licenzji ma tipprocessax tali applikazzjoni, salv ikunx hemm dikjarazzjoni ta' bidla ta' detentur.

6. Illi huwa wkoll legalment insostenibbli li l-mandat ta' inibizzjoni mahrug jigi kkonfermat b'mod permanenti u dana kif jirrizulta minn gurisprudenza stabbilita fosthom Joseph Zammit u martu Josette Zammit vs Peter Paul Vella (92/2011JD) stante illi tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat ir-risposta guramentata ta' Brown's Pharma Limited li tghid hekk:

IIli l-atturi f'din il-kawza ma ghandhornx interess legali illi javanzaw it-talbiet taghhom.

IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma ghandhom ebda dritt li jwaqqfu lill-Awtorita tal-Licenzji milli tipprocessax l-applikazzjoni li saret sabiex il-licenza "Dispensary License DL027"' tigi trasferita lis-socjeta esponenti.

IIli s-socjeta attrici ma ghandha ebda konvenju vinkolanti ma' Catherine Mifsud ghat-trasferiment ta' Dispensary License DL027; invece kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, hija biss is-socjeta esponenti li ghandha kuntratt vinkolanti mad-detentrici tal-licenzja.

Illi l-agir tal-atturi qed jirreka danni lill-esponenti, li minhabba dawn il-proceduri qed jigu abbuzivament u illegalment imcahhda milli jipprocedu bl-uzu tal-licenzja li huma xtraw minghand Catherine Mifsud.

Illi ma hemm ebda raguni legali ghalfejn il-konvenut ma ghandux jipprocessa favorevolment it-talba li saritlu sabiex Dispensary License DL027 tinqaleb ghal fuq l-esonenti.

Illi bhala stat ta' fatt l-Awtorita konvenuta ghandha biss applikazzjoni wahda quddiemha, u s-socjeta attrici hija estranea ghal tali applikazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Catherine Mifsud li tghid hekk:

1. It-talbiet tas-socjeta attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi is-socjeta attrici ma ghandha ebda dritt legali spettanti lilha biex jzomm lill-Awtorita tal-licenzji milli tipprocessa il-licenzja. Din l-azzjoni hija biss tenattiv biex twaqqaf lill-esponenti milli tittrasferixxi il-licenzja taghha lil Brown’s Pharma Limited u biex izomm il-mandat ta' inibizzjoni (1217/2016) kontra L-Awtorita tal-Licenzji in vigore.

2. Illi t-talbiet attrici huma minghajr bazi legali u kwalunkwe ftehim o meno huwa ghall-Awtorita res inter alios acta. L-Awtorita ghandha l-obbligu tipprocessa kull applikazzjoni skont il-ligi minghajr ma tidhol fil-mertu dwar l-esistenza o meno ta' rabta kontrattwali bejn l-esponenti u s-socjeta attrici u drittijiet civili li jistghu jesiztu bejn partijiet.

3. Illi di piu is-socjeta attrici ma ghandha ebda dritt jew jedd sostanttiv spettanti lilha li setgha jigi kawtelat skont il-ligi u li biha tista’ twaqqaf l-Awtorita tal-licenzji milli tipprocessa l-applikazzjoni ghall-varjazzjoni tal-licenzja. Illi infatti qed tibbaza pretensjonijiet taghha fuq ftehim li esistenza tieghu huwa ikkontest f’kawza ohra, fl-ismijiet: Labomed Limited vs Catherine Mifsud (888/2016SM) f’din il-Qorti diversament ippresjeduta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici qed tisgwida il-Qorti billi fiz-zewg kawzi li ipprezentat uzat termini legali differenti skont kif qablilha. Illi fil-kawza Labomed Limited vs Catherine Mifsud (888/2016SM) iddikjarat li saret bejgh filwaqt li f'din il-kawza qed tiddikjara li hemm konvenju. Illi la hemm konvenju, jew bejgh proprju (kif indikat fil-kawza diversament ippresjeduta), lanqas kien hemm indikazzjoni fl-iskrittura stess li kien hemm obbligu da parti tal-esponent biex tiffirma applikazzjoni jew applikazzjoni jew firma fuq xi applikazzjoni ohra qudddiem l-Awtorita.

5. Illi talba sabiex mandat kawtelatoru jigi ikkonfermat in perpetwu ma huwiex permessibbli mill-ligi (ara art. 834 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad it-talbiet kollha tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra taghha. Id-diretturi, azzjonisti u rapprezentanti tal-istess socjeta huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Francis Basile, rapprezentant tal-kumpanija attrici, xehed li l-kumpanija qeghda fil-qasam tal-managment u operations ta' diversi spizeriji u tfittex dejjem biex tara xi spizeriji hemm ghal bejgh biex jixtru l-licenzja taghha halli jkabbru c-chain ta' spizeriji li ghandhom. Kienu qed ifittxu spizerija l-Mosta u avvicinaw lil Catherine Mifsud li kellha spizerija hemm. Ghal bidu hija ma kinitx interessata ghax kienet qed tissepara. Kien regghu ghamlu kuntatt maghha u bdew jitkellmu fuq figuri imma baqghet tahsibha u ma tahsibiex. Huma kienu interessati li jixtru l-licenzja biss mhux il-kontenut tal-ispizerija jew il-proprjeta. Chris Baldacchino li kien qed jidher ghalihom kien accetta il-prezz li kienet talbithom Mifsud u ffirmaw ftehim u kien hemm bzonn li japplikaw ghand il-Medicine Authority ghax minghajr l-approval taghha ma tistax topera licenzja. Dan il-ftehim ma giex rispettat mill-parti l-ohra meta Mifsud baghtitlhom message li d-deal is off u ma resqitx biex tiffirma l-formula tat-transfer agreement. Saru jafu li hija kienet se tittrasferixxi l-licenzja lill-terzi u ghalhekk ghamlu mandat kontra l-awtorita biex ma tapprovax it-trasferiment ma dawn it-terzi. Illum il-gurnata l-licenzja ghadha fuq Catherine Mifsud imma l-bejgh sar. Huma ghandhom kawza ohra kontra Catherine Mifsud dwar dan il-ftehim. Jaf li hemm applikazzjoni ta' Brown's Pharmacy quddiem l-Awtorita.

Edward Basile Cherubino, konsulent fis-socjeta Labomed, xehed li kien parti mit-team li kien qed jinnegozja ma' Catherine Mifsud biex jixtru l-licenzja tal-ispizerija taghha fil-Mosta. In-negozjati damu xhur, u anke snin.  Huma kienu interessati li jixtru l-licenzja biss.  Catherine Mifsud kienet marret ghand Chris Baldacchino li kien parti mit-team taghhom biex jiftehemu  fuq prezz. Kienu lahqu ftehim fuq prezz u huma xtraw il-licenzja fil-20 ta' Lulju 2016. Fid-dokument a fol. 7 hemm is-sales

agreement tal-licenzja Dok. B u a fol. 8 hemm il-messagg tal-istess gurnata li kien ircieva minghand Mifsud fejn tghid li the deal is off. Catherine Mifsud ma kinitx iffirmat l-applikazzjoni quddiem il-Medicine Authority. L-Awtorita kienet infurmathom li kien hemm application ohra ghat-transfer tal-licenzja fuq l-istess spizerija u ghalhekk kellhom jirrikorri ghal Qorti.

Fuq kontro-ezami wiegeb li hemm kawza quddiem Qorti ohra fuq dan is-sales agreement fejn qed jitolbu li Mifsud tonorah u tiffirma t-transfer. Hawn mhux kwistjoni ta' bejgh ta' proprjeta immobbili u ghalhekk konvenju ma jsirx. Cahad li Dok. B kien skrittura temporanja qabel ma jigi ffirmat il-konvenju. Jghid li ma kienux tkellmu dwar konvenju, imma kien sale 100%. Il-preliminary agreement kellu jkun fuq l-istock, furniture u fittings u mhux fuq il-bejgh tal-licenzja. Fuq il-ftehim Dok. B ma thallas xejn mill-€400,000. Mifsud kienet hadet il-hin taghha u kkonsultat fuq it-telephone mat-tifla taghha qabel iffirmat.

Kris Baldacchino xehed li hu accountant u awditur u l-atturi huma wiehed mill-kljenti tieghu. Hu kien ighinhom bhala konsulent fuq akkwist ta' licenzji ta' spizeriji. F'dan il-kaz kienet spizerija l-Mosta. Hu u Dr Cherubino kien ikkuntattjaw lill-Catherine Mifsud u bdew jinnegozjaw maghha. Huma kien damu daqsxejn mhux hazin sakemm waslu ghal ftehim minhabba diversi problemi li kien hemm apparti ftehim fuq il-prezz b'offerti u kontro-offerti. Il-prezz kien dejjem tiela'. Fil-20 ta' Lulju 2016 waslu ghal ftehim fuq il-prezz tal-licenzja. Hi kienet kellmet lit-tifla taghha fuq it-telephone qabel waslet ghad-decizjoni finali u accettat €400,000. Il-bejgh ta' licenzja ta' spizerija ma ghandekx bzonn ta' Nutar imma kwistjoni ta' skrittura privata, imbaghad isiru il-formalitajiet mal-Medicine Authority. Dak il-hin huwa fformalizza skrittura bl-ahjar mod li seta biex jissigilla l-ftehim. Huma kellhom jiltaqghu gimgha wara ghand in-Nutar biex jifformalizzaw xi issues li Mifsud kellha fuq l-istock, assi fissi u l-impjieg taghha. Fil-ghaxija kien hemm kommunikazzjoni minghand Mifsud li qalet li 'deal is off'.

Fuq kontroezami wiegeb li hu kien gie appuntat mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta attrici biex jiffirma dak id-dokument. Il-ftehim irredigieh hu. Hu ried li jkollu xi haga formali biex imur quddiem il-kljent u jghidlu hawn ghandek id-dokument iffirmat. Hu

ma jiehux hsieb il-formalizmu tat-trasferiment quddiem il-Medicine Authority. Barra l-prezz tal-licenzja huma kienu ghad iridu jaqblu fuq il-prezz tal-istock. Kien hemm bzonn li jmorru quddiem nutar.

Annalise Attard, senior pharmacist mal-Medicine Authority, xehdet dwar x'ikun hemm bzonn biex il-variation application tigi ffirmata mill-licence holder u minn min se jixtriha. Is-sid tal-Licence DL027 hi Catherine Mifsud. Saret applikazzjoni ghal trasferiment tal-licenza fis-26 ta' Lulju 2016 ghal fuq Alexander Fenech personali li kienet qed tigi evalwata meta huma twaqqfu minhabba l-mandat li nhareg. Qatt ma dahlet applikazzjoni ta' Labomed Ltd.

Catherine Mifsud xehdet li hi proprjetarja tal-ispizerija St. Louis, fil-Mosta u sid tal-licenzja fejn ilha topera ghal dawn l-ahhar 35 sena. Kienu avvicinawha Chris Baldacchino u t-tabib Cherubino biex tbiegh l-ispizerija imma hija ma kellhiex interess billi kienet ghaddejja minn separazzjoni. Imbaghad it-tifla taghha kien se jkollha tarbija u ddecidiet li tbiegh. Kien hemm diversi nies li kienu interessati li jixtru u kienet tikkuntattjathom, izda l-atturi kienu l-aktar persistenti. Hi kienet ghamlet diversi kondizzjonijiet bhala parti mill-bejgh tal-licenzja taghha. Il-bejgh kellu jsir b'konvenju ghaliex kellha tistenna l-approvazzjojni tal-Awtorita tal-Medicini ghat-trasferiment tal-licenzja. Imbaghad kienet biddlet il-hsieb u infurmathom. Wara Baldacchino kien offrilha €250,000 u qalitlu li riedet tahsibha. Wara Baldacchino kien anke offrilha €300,000 (Dok. AMC1-2 a fol. 125 et seq.) imma dak iz-zmien kellha offerta ahjar ta' €375,000 minn Tiziana Ceci ta' Brown's Pharmacy. Fl-20 ta' Lulju 2016 marret l-ufficju ta' Chris Baldacchino biex tghidlu li ftehmet ma haddiehor u dana offrilha €400,000. Hi riedet tkellem lit-tifla Valerie u dina qaltilha biex toqghod attenta. Baldacchino qalilha biex tiddeciedi dak il-hin stess. Hu kkonfondiet u qaltlu iva ghal prezz li offrilha. Qablu li se jikkonkludu kollox permess ta' konvenju u jiddiskutu t-termini kollha tal-bejgh. Ma ddiskutew xejn aktar dakinhar ghax Dr Cherubino kien imsiefer u ma setghax jiehu certu decizjonijiet minghajru. Qabel ma telqet ttajpja karta u gieghlha tiffirmaha (fol. 7 tal-process). Hi ma tantx tat kaz ghax suppost kif fehemhu huma kellhom jaghmlu l-ftehim permezz ta' konvenju bil-kundizzjonijiet u dettalji kollha gimgha wara ghand in-Nutar u sadanitant kien ikollha zmien bizzejjed biex tahsibha sewwa u titkellem mat-tfal. Dak inhar kull ma

ddiskutew kienet is-somma u l-bqija kien ghadu kollox fl-arja. Hi ma kienitx se tbiegh il-licenzja minghajr ftehim fuq l-affarijiet l-ohra kollha u minghajr hlas ta' depozitu. Meta marret id-dar irrealizzat x'ghamlet u baghtet message u qaltlu "deal off". Fil-21 ta' Lulju 2016 marret Tiziana Ceci u ghamlitilha proposta ta' €450,000 u accettat wara li kellmet lit-tfal. Ma' Tiziana dahlet f'konvenju li kien jinkludi kollox (Dok. ACM8) u taghtha deposit ta' €50,000. Hi kienet ghamlet il-konvenju ghax il-ftehim l-iehor ma kien ftehim xejn. Kellu jsir konvenju fuq kollox. Wara Dr.Cherubino anke offrilha €475,000 (Dok. ACM4 a fol. 129) pero hija kienet diga marbuta. Kienu gew l-ispizerja l-ahwa Cherubino u heddewha li jtellugha l-Qorti. Hi kienet ipprezentat applikazzjoni biex tigi trasferita l-licenzja lill-Brown's.

In kontroezami wiegbet li kienet qalet lil Baldacchino li hija kellha offerta minghand haddiehor u kienet se taccettaha. Dakinhar li ffirmat Baldacchino kien qalilha li l-licenzja taghtilhom u issa iridu jmorru l-licenzjoni authority bl-approvazzjoni. Hi qaltlu li riedet tahsibha ghax ma kinitx deciza. Hi hassret id-deal ghax ma kienux ghadhom ftehmu fuq kollox u ma kienux ghadhom ghamlu l-konvenju. Il-licenzja ma kienx ghada giet trasferita.

Tiziana Ceci xehdet li hija kienet qed tinnegozja ma' Catherine Mifsud ghan- nom ta' Browns Pharma dwar l-licenzja tal-ispizerija. Kien sar konvenju maghha fil-21 ta' Lulju 2016 (a fol. 9 u 133) hallset deposit ta' €50,000 u dahhlu talba ghal-variation tal-licence imma wara gew imaqqfin minhabba l-mandat. Taf li Mifsud kienet qed titkellem ma terzi kif solitu jigri izda kienet qaltilha li ma kellha ebda kuntratt ta' trasferiment ma haddiehor.

**Kontestazzjoni**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tinibixxi b'mod permanenti lill-intimat Is-Suprintendent Tas-Sahha Pubblika qua l-Awtorita dwar il-Licenzji milli jipprocessa, jaccetta u jirregistra l-applikazzjoni ghat-trasferiment tal-licenzja ta' spizerija minn Catherine Mifsud ghal fuq Brown's Pharma Limited.

L-intimat wiegeb li (i) hu kompletament estraneju ghall-vertenza bejn is-socjeta attrici u Catherine Mifsud, (ii) din il-vertenza (dwar l-ezistenza o meno ta' konvenju) hi

soggetta ghall-proceduri ohra quddiem Qorti diversament presjeduta (888/2016SM), (iii) l-unika raguni ghal dina l-kawza hija biex is-socjeta attrici zzomm in vigore il-mandat ta' inibizzjoni 1217/2016, (iv) hu jimxi skond il-ligi meta jkun hemm bidla ta' dententur tal-licenzja u (v) li hu legalment insostenibbili li mandat ta' inibizzjoni jigi kkonfermat b'mod permanenti.

L-intervenuti fil-kawza Brown's Pharma Ltd wiegbu li (i) l-atturi ma ghandhomx interess legali li javvanzaw it-talbiet taghhom, (ii) l-atturi m'ghandhom ebda dritt li jwaqqfu lill-intimat milli jipprocessa l-applikazzjoni, (iii) l-atturi m'ghandhom ebda konvenju vinkolanti ma' Catherine Mifsud ghat-trasferiment tal-licenzja, (iv) illi huma qed isofru danni minhabba l-agir tal-atturi, (v) Brown's Pharma Ltd biss ghandha konvenju vinkolanti li ghandu jigi processat favorevolment mill-intimat.

L-intervenuta fil-kawza Catherine Mifsud wiegbet li (i) l-atturi m'ghandhom ebda dritt li zzommu lill-intimat milli jipprocessa l-applikazzjoni, (ii) il-pretenzjoni tal-atturi hija bazata fuq ftehim li l-esistenza tieghu qed tigi kontestata f'kawza ohra, (iii) illi ma hemm ebda konvenju jew bejgh propju jew li hija kienet obbligata li tiffirma xi applikazzjoni quddiem l-Awtorita, u (iv) mandat kawtelatorju ma jistax jigi kkonfermat permanentement.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Kwantu ghat-talbiet fir-rikors promutur kif redatti dawn bl-ebda mod ma jistghu jigu indirizzati lejn l-intervenuti fil-kawza billi t-talbiet huma diretti unikament fil-konfront ta' l-intimat Supretendient tas-Sahha sabiex ma jilqax l-applikazzjoni pendenti bejn il-intervenut.

Inoltre il-pozizzjoni tal-intervenut fil-kawza a distinzjoni tal-kjamat in kawza, la huwa attur u lanqas konvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas ta' l-ispejjez tieghu u anqas jista' jigi ikkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat. L-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Izda l-Qorti l-istess ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva (ara fost hafna ohrajn kawza **Alex Azzopardi vs Anna Ellul** *et* (PA 29/10/2010).

Illi l-gudikant irid jimxi fuq il-kawzali u t-talbiet proposti fir-rikors promutur. Fid-decizjoni tat-23 ta` Gunju 2004 fil-kawza **Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit**, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (**Kollez. Vol. XLII.I.86**). Inghad ukoll illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u ghalhekk il-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet mfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV.I.85**). Il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor oltre minn dak li jkun irrizulta mic-citazzjoni, anke ghaliex, kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni" (**Kollez. Vol. XLVIII.II.777**) (ara wkoll **Gaetano Farrugia et vs Philip Magri et**, App 11/02/2004).

Fil-kaz in ezami fl-ewwel talba taghhom l-atturi talbu li dina l-Qorti:
Tiddikjara li l-intimat bhala l-Awtorita' tal-Licenzji ghandu obbligu li ma jipproccesax, ma jaccettax u ma jirregistrax l-"Application for a Variation to a Pharmacy Licence" ipprezentata lill-Awtorita tal-Licenzji ghat-trasferiment tad-"Dispensary Licence DL027" lil Brown's Pharma Limited galadarba d-detentur tal-licenzja prezenti kienet u ghadha **marbuta permezz ta' konvenju** iehor li titrasferixxi l-licenzja in kwistjoni lill-kumpanija rikorrenti.

Il-bazi tal-azzjoni tal-atturi kontra l-intimat hi biex jinibuh milli jaccetta, jipprocessa u jirregistra l-applikazzjoni ta' Brown's Pharma Ltd billi jikkontendu li ghandhom konvenju vinkolanti ma' Catherine Mifsud u li dana kien jipprecedi l-ftehim l-iehor li Mifsud kellha ma' Tiziana Ceci ghan-nom ta' Brown's Pharma Ltd.

Ghalkemm l-atturi fin-nota taghhom ighidu li l-kelma 'konvenju' li ntuzat kellha tkun 'ftehim' u mhux 'konvenju' ghax dan kien zball tad-difensur legali tar-rikorrenti, liema zball ma jaghmel ebda differenza ghall-kawza, huma fil-fatt ma talbux biex dana l-izball jigi rrangat u infatti wahda mill-eccezzjonijiet tal-intimat u tal-intervenuti hija proprjament f'dan ir-rigward.

Fil-fatt l-intimat u l-intervenuti fil-kawza wiegbu li l-atturi ma ghandhom ebda konvenju vinkolanti (jew bejgh proprju) ma' Catherine Mifsud ghat-trasferiment tal-licenzja.

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jibbazaw id-dritt taghhom fuq sales agreement a fol. 7 li bazikament jghid hekk:

> Catherine Mifsud ... is hereby undertaking to transfer the Dispensary Licence DL027 held in her personal name to Labomed Ltd ... for the sum of €400,000.
> The above figure is being guaranteed to the transferor after settling all local taxes due and the valuation of the inventories held at the pharmacy will be settled separately of the above figure.
> The underlying conditions are to be satisfied through the official preliminary agreement to be signed on Wednesday 26 July 2016 in the records of Notary Anton Borg at 2 pm.
> A deposit of €30,000 is to be settled on the date of signature of the said official preliminary agreements.

Fix-xhieda taghhom l-atturi insistew li dan is-sales agreement ma kienx konvenju imma bejgh proprju (jew fl-aghar ipotesi, ftehim li jorbot) [Mr. Basile cahad li Dok. B kien skrittura temporanja qabel ma jigi ffirmat il-konvenju. Ighid li ma kienux tkellmu dwar konvenju, imma kien sale 100%]. Edward Basile Cherubino xehed li: "Hawn mhux kwistjoni ta' bejgh ta' proprjeta immobbili u ghalhekk konvenju ma jsirx. Cahad li Dok. B kien skrittura temporanja qabel ma jigi ffirmat il-konvenju. Ighid li ma kienux tkellmu dwar konvenju, imma kien sale 100%. Il-preliminary agreement (konvenju) kellu jkun fuq l-istock, furniture u fittings u mhux fuq il-bejgh tal-licenzja". Il-Qorti tirrileva li x-xhud hawn qed jikkontradici l-bazi tal-azzjoni taghhom billi qed jinnega li kien hemm konvenju vinkolanti bejn l-atturi u Mifsud ghalkemm fit-talba taghhom iddikjaraw l-kuntrarju.

Catherine Mifsud ukoll taqbel li Dok. B ma kienx konvenju xejn imma undertaking da parti taghha to transfer the Dispensary Licence, cioe promessa ta' xi haga li kellha issir fi zmien gimgha u mhux dak il-hin u li kellha tigi formalizzata permezz ta' konvenju fuq l-affarijiet kollha u mhux fuq l-furniture, fittings u l-istock biss kif qed isostnu l-atturi. Ghalih japplika d-dispost tal-artikolu 1002 tal-Kap. 16 li jghid li meta l-

kliem ta' konvenzjoni mehud fi-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tla-kuntratt hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.

Catherine Mifsud tikkontesta li Dok. B kien konvenju (u maghha jaqblu l-atturi) u li lanqas ma kien bejgh proprja. Hi ggib diversi argumenti ghaliex tghid li Dok. B lanqas ma hu bejgh proprju. Hi ssemmi:
-Li hi ffirmat fl-iskrittura that she was undertaking to transfer the Dispensary Licence u mhux li kienet qed tbiegh dak il-hin;
-The underlying conditions are to be satisfied in the official preliminary agreement. Mifsud tghid li kellu jigi ffirmat konvenju fi zmien gimgha, fuq kollox u mhux kif qed isostnu l-atturi fuq l-affarijiet l-ohra mhux fuq il-licenzja.
-Mifsud tghid li ma jaghmilx sens li l-bejgh tal-licenzja ta' €400,000 isir fuq semplici skrittura privata minn persuna li lanqas taf hijiex direttur, u minghajr ma jaghmel ebda depozitu akkont, mentri l-stock u l-affarijiet l-ohra accessorji li ma kienux jiehtiegu l-ebda att pubbliku u li l-atturi lanqas kienu interessati fihom, jsiru b'konvenju.
-Mifsud ma kienitx se tbiegh il-licenzja fuq xejn minghajr ftehim fuq l-affarijiet l-ohra kollha u minghajr ma ggib minn qabel l-approvazzjoni tal-Awtorita tas-Sahha biex isir it-trasferiment.
-Illi Chris Baldacchino xehed li "Allura kull darba li kien hemm bejgh ta' licenzja u akkwist ta' goodwill ta' pharmacy ahna konna nhossuna iktar komdi biex nghamlu l-affarijiet sew, li nissigillaw **KOLLOX** bin-nutar" [xhieda 01/03/2018 pagna 10].

Illi dina l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-kontestazzjonji ta' Dok. B da parti ta' Mifsud billi dan hu l-mertu tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet, u proprjament il-kawza odjerna hija biss dwar (is-suppost) konvenju li l-intimat qed jigi mitlub li jirrikonoxxi minflok il-konvenju l-iehor ma' Brown's Pharma.

Ghalhekk l-ewwel talba fir-rikors promutur li l-atturi ghandhom konvenju ma' Catherine Mifsud tirrizulta li hija kontradetta mix-xiehda tal-istess atturi. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor oltre minn dak li jkun irrizulta mir-rikors promotur, (li ma giex mibdul) anke ghaliex, mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fir-rikors promutur. Jekk ghal grazzja tal-argument

jirrizulta li bejn Labomed u Mifsud hemm konvenju, wiehed irid iqis tali rabta fil-konfront ta' min saret il-kawza ghax il-vinkolu processwali hu bejn il-partijiet proprja u mhux l-intervenuti.

L-azzjoni hi mfassla kontra entita pubblika biex ma tigix processata talba ghal trasferiment ta' licenzja li prima facie tidher wahda valida bejn persuna li ghandha licenzja ta' spizerija u persuna ohra li tixtieq li tali licenzja tigi trasferita ghal fuqha. Jirrizulta mhux kontestat li ghajr ghall-irbit tal-mandat ta' inibizzjoni s-Supretendent tas-Sahha Pubblika hu obbligat bil-ligi (SL 458.16) artikolu 5(3) tal-Pharmacy Licence Regulations li jipprocessa tali talba u dan ukoll in konformita mad-dritt li ghandu skont ma jistipula l-artikolu 3(2)(m) fejn il-poteri tal-Awtorita huma ampji. L-artikolu 5(3) tal-SL 458.16 jghid li detentur jista' jitrasferixxi l-licenzja tieghu lil terz. Ergo l-Awtorita ma tistax tirrikonoxxi lil terz bla ma jkun sar it-trasferiment soggett ghall-iskrutinju tal-istess Awtorita jekk it-talba hiex valida skont il-ligi. Il-pretensjoni tas-socjeta attrici hi kontra terzi li maghha allegatament ghandha ftehim preliminari ghat-trasferiment tal-licenzja. Din il-pretensjoni fil-konfront tal-Awtorita konvenuta hi res inter alios acta u ma torbothiex sakemm il-parti li ghandha l-licenzja jew il-Qorti tordna mod iehor b'sentenza definittiva. F'dan il-kaz dawn l-eventwalitajiet ma jirrizultawx ghax ex admissis fit-talba promotrici l-attrici mhux qed tallega ebda trasferiment ta' titolu izda biss weghda ta' bejgh ta' licenzja, u ghalhekk is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ma ghandu ebda xkiel fil-mertu milli jipprocessa t-talba ghat-trasferiment maghmula validament. Ghalhekk l-azzjoni attrici ibbazata biss fuq pretensjoni kontra terzi ma ghandhiex tkun ta' ebda xkiel ghall-Awtorita milli tipprocessa talba ghal trasferiment jekk tali talba tissodisfa l-ligi tat-trasferiment tal-licenzji tal-ispizeriji.

Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet qed jigu michuda.

L-istess jinghad dwar it-tielet talba billi ma jistax ikollok mandat ta' inibizzjoni permanenti. Illi huwa risaput li kull meta saru talbiet sabiex jigi kkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni "sic et simpliciter" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta' cahda ghar-raguni li filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt "prima facie", fil-kawza tkun trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu (ara **Carmela. Aquilina vs F.X. Aquilina noe et**, App

27/11/1991; **Kunsil Lokali Kirkop vs Avukat Generali**, 03/07/2002; u **Rev. George Schembri vs Saqqajja Caterers Ltd**, App 07/10/2005).

Fil-kaz in ezami l-atturi sstitwew l-kawza mhux biex jasserixxu l-jedd imsemmi fil-mandat, imma biex l-intimat jigi inibit permanentement milli jipprocessa l-applikazzjoni ta' Brown's Pharma Ltd. Il-mertu dwar id-dritt tal-atturi mhux qieghed jigi trattat quddiem dina l-Qorti u lanqas ma qed jigi deciz minnha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-attrici, bl-ispejjez kontra taghha. L-intervenuti ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur